# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 44**

**Rikors numru 481/2021/1 FDP**

**Mark Pace**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. Ir-rikorrent appella minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2023, li sabet li t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, illedew id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallaslu kumpens non-pekunjarju ta' elf ewro (€1,000).

2. L-appell tar-rikorrent jitratta biss il-kumpens li ordnat l-Ewwel Qorti.

**<u>Preliminari</u>**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"17. Jirriżulta li r-rikorrent tressaq b'arrest flimkien ma' oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-22 ta' April 2004, akkużat b'assoċjazzjoni u traffikar tad-droga eroina, kokaina, u rasa tal-cannabis fil-jum tal-20 ta' April u tul l-erba' xhur ta' qabel. Eventwalment, fis-16 ta' ta' Ġunju 2011 inħarġet l-att ta' akkuża.*
>
> *18. Jirriżulta li l-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004, fejn Mark Pace ingħata l-ħelsien mill-arrest u l-oħrajn tqegħdu taħt l-att ta' akkuża. Il-kundizzjonijiet, għal xi żmien, kienu restrittivi fejn ir-rikorrent ma setax joħroġ mid-dar, liema kondizzjonijiet ir-rikorrenti jikkontendi huma simili għall-arrest domiċiljarju.*
>
> *19. Fl-14 ta' Ottubru 2004 kien għamel talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex ikun jista' joħroġ mid-dar f'ħinijiet stipulati wara li kien taħt arrest domiċiljarju u fit-22 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tar-rikorrent li joħroġ mit-3p.m. sas-7p.m. u jiffirma l-Għassa ta' Ħal Qormi. Tali kundizzjoniijet sussegwentement ġew varjati varji drabi, fuq talba tar-rikorrent, sakemm fit-28 ta' Awissu 2009, ġie varjat bil-ħinijiet ta' rinkażar bejn it-20.00 u s-7.00am.*
>
> *20. Jirriżulta li l-Avukat Ġenerali għażel juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap 9, fejn jidher illi, bejn it-3 ta' Frar 2006 u d-19 ta' Jannar 2007 saru tmien rinviji għall-provi ulterjuri, fejn fi tlett okkażjonijiet il-Pulizija ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.*
>
> *21. Jirriżulta wkoll illi, bejn is-16 ta' Frar 2007 u l-21 ta' Lulju 2009, saru tmintax-il rinviju sabiex il-Pulizija teżebixxi ċertifikat mediku in konnessjoni ma' ġrieħi kkawżati fuq membru tagħha stess, ossija il-WPS 45 rigward ferita ikkawżata b'gidma. Il-Pulizija damet sentejn u ħames xhur sabiex tressaq tali prova, fejn kien biss fl-24 ta' Lulju 2009 li Dr Mario Scerri ippreżenta r-rapport tiegħu.*
>
> *22. Jirriżulta sussegwentement, li kien fis-16 ta' Ġunju 2011, seba' snin wara li infetħu dawn il-proċeduri, li l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att*

*ta' akkuża, fejn għażel illi l-akkużi kontra r-rikorrent jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Qorti Kriminali.*

*23. Jirriżulta li sussegwentement fil-31 ta' Ottubru 2014, inħarġet kontro-ordni sabiex ir-rikorrenti jiġi ipproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.*

*24. Jirriżulta li l-każ ta' Mark Pace ġie appuntat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali għat-12 ta' Diċembru 2014 u l-proċedura ġiet finalment konkluża fl-1 ta' Frar 2019, fejn, fuq ammissjoni, ġie ikkundannat għal piena ta' ħmistax-il xahar u multa ta' ħamest elef Ewro (€ 5,000)."*

4. Fid-19 ta' Lulju 2021 ir-rikorrent fetaħ il-kawża u lmenta li kien hemm dewmien eċċessiv fil-kawża kriminali "**Il-Pulizija v. Mark Pace**". Ilmenta wkoll li mill-piena ta' ħabs li ngħata ma kienx tnaqqas il-perjodu li għamel taħt arrest domiċiljarju, li wassal għall-ksur tal-Artikoli 5 u 7 tal-Konvenzjoni.

5. Talab għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

*"1. Tiddikjara illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġjonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, kif ukoll iż-żmien li qatta' r-rikorrenti taħt arrest domiċiljarji li ma tnaqqasx mill-piena inflitta, lledew d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tiegħu, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 37 u 39 ta Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

6. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-27 ta' Awwissu 2021 l-Avukat tal-Istat irrespinġa l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dwar ir-rimedju mitlub wieġeb illi:

*"24. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, u filwaqt illi t-tieni talba ma tippreċiżax jew ma tissuġġerix x'jista' jkun ir-rimedju*

*opportun, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament seħħew xi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif allegat u mitlub, u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

*25. Illi f'każ illi r-rikorrenti qiegħed jippretendi xi forma ta' kumpens pekunjarju in linea ta' danni materjali, ir-rikorrenti huwa obbligat li jipprova d-danni lmentati minnu sal-grad rikjest mil-Liġi."*

7. Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2021, il-Qorti bagħtet l-atti tal-kawża lill-Qorti diversament presjeduta sabiex il-kawża tinstema' mal-kawża numru 145/2021FDP fl-ismijiet "**Giovanna Pace v. L-Avukat tal-Istat**".

8. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2023 [is-sentenza appellata] l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi filwaqt li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent marbuta mal-Artikoli 5 u 7 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, laqgħet it-talbiet tar-rikorrent referibbli għat-trapass taż-żmien u dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, bi ksur tal-jedd fundamentali protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Bħala rimedju ordnat ħlas ta' elf Ewro (€ 1,000) bħala kumpens non-pekunjarju, pagabbli mill-intimat Avukat tal-Istat. Kull parti ġiet ordnata tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

9. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti għall-finijiet tal-kumpens akkordat kien dan:

*"**Rimedju***

*83. Ikkonsidrat, li f'dan il-każ, ir-rikorrent qed jitlob li jiġi riżarċit għad-danni materjali u rimedji xierqa u effettivi għall-allegat leżjoni tad-drittijiet tiegħu.*

*84. Ir-rikorrent issottometta, li l-Qorti Ewropea meta sabet li l-każ dam aktar minn tmien snin, fil-każ* ***Milasi v Italy*** *deċiż fil-25 ta' Ġunju 1987, u fil-każ* ***Baggett v Italy*** *deċiż fil-25 ta' Ġunju 1987 iddikjarat li kien hemm dewmien irraġonevoli, u leżjoni tad-drittijiet tal-individwu.*

*85. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat sostna li jekk jinstab li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali, dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet umani hija suffiċjenti. F'dan ir-rigward, l-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet, irrefera għall-każ Avukat* ***Cedric Mifsud noe vs Aġenzija Identita' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ġunju 2022, fejn minkejja trapass ta' sitt snin, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata fejn kien ingħata kumpens ta' € 4,000 u ddikjarat li d-dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet kien rimedju biżżejjed.*

*86. Fil-fatt, l-Avukat tal-Istat jikkondividi li din il-Qorti għandha takkorda biss danni morali u mhux materjali.*

*87. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi l-każ* ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (29/01)*** *deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fejn ingħad:*

> *"Kif inhu imposta tir-rikors promotur, dan kjarament qed jitlob rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni - u kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu ikun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li ikunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."*

*88. Jiġi osservat, li f'kawżi rigwardanti dewmien irraġonevoli, kemm-il darba ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju suffiċjenti. (Ara* ***John Bugeja vs Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awissu 2003).*

*89. Jiġi osservat wkoll illi, fil-każ odjern, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għażlu li jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn l-Avukat tal-Istat, u dan, kif ġia sottomess mill-Avukat tal-Istat korrettement, fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-Gvern responsabbli għall-aġir tal-Qrati. Ebda azzjoni ma ttieħdet kontra l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija, li mill-assjem tal-provi, ħareġ ċar li kienu l-kawża prinċipali ta' dewmien.*

*90. Għalkemm kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu, allura l-kumpens akkordat fil-każ in eżami għandu jirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari, iżda*

*l-Qorti tosserva li fost is-sentenzi li ngħataw reċentement fir-rigward ta' dewmien mhux raġonevoli hemm:*

- ***George Frendo vs Avukat Ġenerali et*** *deċiż minn din il-Qorti stess fit-8 ta' Novembru 2017, fejn ġie likwidat kumpens morali ta' € 2000 għal proċeduri li damu għaddejjin ħmistax-il sena.*

- ***Dr. Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali*** *(108/16) deċiż fit-2 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena.*

- ***Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Ġenerali*** *deċiż fil-15 ta' Mejju 2015, fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proċeduri li kienu għadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naħa tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-każ.*

- ***Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali deċiż fit-28 ta' Frar 2014 (25/10)*** *fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 3,000 għal kawża li damet għaddeja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma ħadu azzjoni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom.*

*91. In vista tal-kunsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq, u meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent is-somma ta' elf Ewro (€1,000) bħala danni morali u rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tiegħu."*

10. Ir-rikorrent appella b'rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2023 u jsostni li l-kumpens kellu jkun iktar mis-somma ta' €1,000 li llikwidat l-Ewwel Qorti, u dan a bażi tal-ġurisprudenza fejn iseħħ ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi:

*"filwaqt li* ***tikkonferma*** *dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-talbiet tal-appellant fejn jirrigwarda t-trapass ta' żmien u dewmien irraġjonevoli, u wkoll fejn ċaħdet it-talbiet tiegħu sa fejn dawn jirrigwarda n-nuqqas li jitnaqqas mill-piena nflitta l-perjodu li qatta' taħt arrest domiċiljarju, u dik ukoll sa fejn jirrigwarda l-Artikoli 5 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni,* ***tħassarha u tirrevokaha*** *f'dik il-parti fejn ordnat il-kumpens morali ta' elf ewro (€1,000) bħala rimedju effettiv pagabbli lilu minn l-intimat, u minflok*

> ***tillikwida*** *somma għola, ferm aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appelat.”*

11. Permezz ta’ risposta ppreżentata fit-22 ta’ Marzu 2023 l-Avukat tal-Istat wieġeb li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-aggravju tar-rikorrent irid jitqies fil-kuntest tal-fatt illi, għalkemm kien hemm ċertu dewmien, inqalgħu numru ta’ kwistjonijiet li tawwlu l-proċeduri u r-rikorrent stess ikkontribwixxa notevolment għad-dewmien li qed jilmenta minnu. Jgħid ukoll li r-rikorrent ma ressaq ebda prova dwar t-tbatija morali allegatament arrekata lilu.

**Konsiderazzjonijiet**

12. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jargumenta illi r-raġunijiet għalfejn l-Ewwel Qorti tatu biss €1,000 kienu:

(i) għaliex huwa ħarrek biss lill-Avukat tal-Istat u mhux ukoll l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, li nstabu prinċipalment responsabbli għad-dewmien. Fir-rigward jgħid li l-Qorti ma kelliex għalfejn tkun daqshekk riġida;

(ii) għaliex huwa kien passiv dwar id-dilungar tal-proċeduri. Jgħid iżda li huwa ma kellu ebda kontroll fuq l-andament

tal-kumpilazzjoni li kienet iżda qed titmexxa mill-Pulizija u f'kull każ huwa l-obbligu tal-Istat li jassikura ruħu li persuna tingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli; u

(iii) finlament għaliex ingħata biss sentenza sospiża. Jgħid iżda li aktar u aktar allura ma kienx hemm għalfejn dawk is-snin kollha sabiex il-proċeduri jiġu deċiżi.

13. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm dewmien mhux raġonevoli peress li:

- matul il-proċedura tar-rinviji, partikolarment bejn it-3 ta' Frar 2006 u d-19 ta' Jannar 2007 (f'liema perjodu saru tmien rinviji għall-provi ulterjuri, fejn fi tliet okkażjonijiet il-Pulizija ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw), u bejn is-16 ta' Frar 2007 u l-21 ta' Lulju 2009 (f'liema perjodu saru tmintax-il rinviju sabiex il-Pulizija teżebixxi ċertifikat mediku in konnessjoni ma' ġrieħi kkawżati fuq membru tagħha, WPS 45 rigward ferita ikkawżata b'gidma);

- l-att ta' akkuża nħareġ fis-16 ta' Ġunju 2011, seba' snin wara li nbdiet il-proċedura kriminali meritu ta' din il-

vertenza (ir-rikorrent kien tressaq b'arrest flimkien ma' oħrajn fit-22 ta' April 2004); u

- fil-31 ta' Ottubru 2014, tliet snin wara li nħareġ l-att ta' akkuża, l-Avukat Ġenerali ħareġ kontro-ordni sabiex ir-rikorrent jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minflok mill-Qorti Kriminali kif oriġinarjament minnu ordnat. B'hekk matul dawk it-tliet snin '*ma sar xejn*'.[1]

14. It-tort ta' dan ġie unikament attribwit lill-Qorti, lill-Avukat Ġenerali u lill-Pulizija (para 52, 54 u 89 tas-sentenza appellata). Fir-rigward tal-imġieba tar-rikorrent l-Ewwel Qorti qalet:

> *"53. L-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet sostna li wara li l-ko-imputati taw il-kunsens tagħhom, li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom. Dan, ċertament ma jitfax dawl ta' dilungar u dewmien da parti tar-rikorrenti, għaliex fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi meqjus li kien hemm dilungar f'dan il-perjodu ta' gbir ta' provi,*

[1] Li effettivament ġara f'dak it-trapass ta' żmien kien is-segwenti: Wara li fis-16 ta' Ġunju 2011 inħareġ l-Att tal-Akkuża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta v. Giovanna Pace, Mark Pace u Christopher Mazzitelli*" bin-numru 13/2011, il-Qorti Kriminali ordnat is-smigħ tal-kawża għall-10 ta' Ottubru 2011. Madanakollu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti ddiferiet il-kawża għas-17 ta' Ottubru 2011. Wara li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imputati ġew intavolati ai termini tal-liġi, il-Qorti Kriminali ddeċidiet dwarhom nhar is-6 ta' Jannar 2012. L-Appell mis-sentenza li trattat l-eċċezzjonijiet preliminari ġie deċiż nhar it-13 ta' Ġunju 2013. Il-Qorti Kriminali mbagħad appuntat is-smigħ tal-ġuri fil-konfront tal-ko-imputati għas-17 ta' Frar 2014. Fil-frattemp iżda, il-ko-imputata Giovanna Pace talbet lill-Qorti Kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali quddiem il-Qorti Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni ta' drittijiet fundamentali taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u taħt l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minħabba d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali skont l-Artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' riferenza kostituzzjonali nru 93/2013 (deċiża fit-28 ta' Marzu 2014) instab li effettivament kien hemm tali lezjoni u b'hekk l-Avukat Ġenerali informa lill-Qorti Kriminali li kienet se tinħareġ il-kontro-ordni relattiva sabiex il-każ jiġi trattat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bl-atti jmorru lura għand il-Qorti tal-Maġistrati permezz tar-rinviju tal-5 ta' Novembru 2015.

> *kif qed jittenta jsostni l-intimat, iżda kien leċitu li r-rikorrent iressaq id-difizi tiegħu."*

15. Ċar minn dan illi, kuntarjament għal dak allegat mir-rikorrent fir-rikors tal-appell tiegħu, ma kien hemm l-ebda mitigazzjoni fil-kumpens minħabba xi tort attribwibbli lir-rikorrent.

16. Lanqas ma huwa l-każ li l-Qorti naqset il-kumpens għaliex l-'*piena nflitta fuqu fl-aħħar ta' dawn il-proċeduri ... kienet biss sentenza sospiża."* Kieku kien hemm xi konsiderazzjoni f'dan is-sens kienet tkun fattwalment ħażina billi l-piena nflitta fuq ir-rikorrent kienet ta' ħmistax-il xahar priġunerija. Iżda m'hemm ebda konsiderazzjoni f'dan is-sens.

17. Mis-sentenza appellata jidher li meta ffissat il-kumpens, l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-fatt li fil-kawża tħarrek biss lill-Avukat tal-Istat, filwaqt illi l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, li nstabu prinċipalment responsabbli għad-dewmien, ma tħarrkux:

> *"56. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fil-proċeduri odjerni, għażel li ma jindirizzax l-azzjoni fil-konfront tal-Pulizija u/jew tal-Avukat Ġenerali iżda, fil-każ odjern, unikament kontra l-Avukat tal-Istat, liema Avukat tal-Istat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, jidher biss għall-kwalsiasi azzjoni imputabbli unikament lejn l-operat tal-Qrati, kif korrettement irrileva fid-9 paragrafu tal-eċċezzjonijet tiegħu – dana ghalhekk jwassal lill-Qorti, sabiex tieħu l-konsiderazzjonijiet meħtieġa meta tkun qiegħda tikkunsidra d-danni dovuti.*
>
> *...*
>
> *89. Jiġi osservat wkoll illi, fil-każ odjern, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għażlu li jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn l-Avukat tal-Istat, u dan, kif ġia sottomess mill-Avukat tal-Istat korrettement, fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-Gvern responsabbli għall-aġir tal-Qrati. Ebda azzjoni*

> *ma ttieħdet kontra l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija, li mill-assjem tal-provi, ħareġ ċar li kienu l-kawża prinċipali ta' dewmien."*

18. L-aggravji fir-rikors tal-appell tar-rikorrent huma l-istess bħal dawk li saru fl-appell "**Giovanna Pace v. L-Avukat tal-Istat**" (rikors 154/2021/1), deċiż illum. Fil-kawża kriminali, Giovanna Pace u binha r-rikorrent kienu ko-akkużati għalkemm Giovanna Pace ma nstabitx ħatja tal-akkużi kollha.

19. Ir-raġunament ta' din il-Qorti fis-sentenza tal-appell "**Giovanna Pace v. L-Avukat tal-Istat**" (rikors 154/2021/1) japplika *mutatis mutandis* għall-kawża in eżami.

20. Il-Qorti taċċenna wkoll għall-fatt li kien biss fid-9 ta' Novembru 2018 li r-rikorrent ammetta għall-akkużi kollha li kien hemm kontrih, li kienu jinkludu assoċjazzjoni ma' terzi sabiex isir traffikar ta' droga eroina, kokajina u raża tal-Kannabis u traffikar ta' droga. Dan minkejja li kien tressaq il-qorti f'April 2004. Fih innifsu dan jagħti lill-Qorti x'tifhem li għalkemm kien hemm il-proċeduri kriminali pendenti kontrih li damu s-snin, dak il-fatt ma jidhirx li kien qiegħed jipperturbah tant hu hekk li stenna sa Novembru 2018 biex jammetti. Hu ċar li t-trapass ta' dak iż-żmien kollu ħadem favur ir-rikorrent kif tirrifletti l-piena li ngħata għal dawk ir-reati kollha li ammetta li wettaq.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr